# Minuti

## Seduta Nru. 31/2012

Data: Il-Ħamis, 22 ta' Novembru 2012

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Margaret Baldacchino Cefia – *Viċi Sindku, Kunsill Lokali L-Imsida*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida kif ukoll ta' Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Garaxx fis-Swatar;
6. Emendi fit-*Traffic Management* Proposti;
7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
9. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut


Annex A Minuti 31/2012

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni




***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 31/2012**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduti 27/2012, 28/2012, 29/2012 u 30/2012 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* staqsiet dwar fiex waslu x-xogħlijiet li qed isiru fil-grawnd tas-Swatar u qalet li mportanti li jitlesta kollox għax il-Kumitat qed jirriskja li jitlef il-flus mill-iskema. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x-xogħol minħabba l-iskema tlestew u kullma jonqos li l-kuntratti jitħallas u l-irċevuti jintbgħatu biex issir rifużjoni mid-Dipartiment.

*Xogħlijiet Pendenti fis-Swatar*

**3.2** **Fuq Punt 3.3 –** Iċ-*Chairperson* qalet li l-laqgħa mat-TM swiet għalxejn għax il-ħinijiet baqgħu l-istess kif kienu u ma tranġa xejn. Il-Kumitat iddeċieda li għall-laqgħa li ser torganizza l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-Arriva, l-ilmenti tal-Kumitat jntbgħatu lis-Sindku tal-Imsida ħalli jkun jista' jtellaħhom għal waqt l-istess laqgħa. L-ilmenti dwar ir-rotot 110 u 123 għandhom ikunu li:- **<u>Mhux qed iżommu l-ħinijiet tagħhom fil-parti l-kbira tal-ġurnata.</u>** Riżultat ta' dan in-nies mhux qed jużawha minħabba li ma tistax torbot fuqha. Kien hemm ċirkostanzi fejn anki damu sagħtejn u nofs biex jgħaddu. **<u>Il-Kumitat kien iltaqa' ma' uffiċjal tat-TM u kien miftiehem li dawn ir-rotot ser jiġu kull nofs siegħa</u>** u li dan għadu ma seħħx.

Laqgħa mat-TM dwar l-Arriva

**3.3** **Fuq punt 3.4 –** Iċ-*Chairperson* qalet li proġett mal-HSBC ser ikun li jsiru attivitajiet sabiex ir-residenti jkunu magħrfa kif jirriċiklaw. Dan il-proġett għandu jibda minn Jannar 2013.

Laqgħa mal-HSBC

**3.4** **Fuq Punt 3.6 –** Is-Sur Rudolph Cini staqsa għaliex dan il-proġett twaqqaf meta qed isir x-xogħol tajjeb u n-nies kuntenti bix-xogħol kif ġej. <u>Is-Sur Cini esprima d-diżappunt tiegħu li l-proġett waqaf.</u> Iċ-*Chairperson* qalet li dan il-proġett twaqqaf minħabba li qed isir mingħajr permess tat-TM, il-bankina hija għolja u m'hemmx aċċess adekwat għall-persuni b'diżabilita'.

Għalqa tas-Sisla

## 4. Korrispondenza

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva l-pagament ta' Papillon dwar is-serata Ġieħ is-Swatar fejn il-kumpanija qed tgħid li dan ilu li ntbagħat iżda qatt ma tħallas. Il-Kumitat approva l-pagament. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li dan il-pagament ħadd ma rċevih.

Pagament Ġieħ is-Swatar

## 5. Garaxx fis-Swatar

**5.1** Iċ-*Chairperson* qalet li hi u s-Sa Yvonne Spiteri ltaqgħu mad-Direttur għall-Gvern Lokali fejn ġie diskuss il-garaxx. Ġie miftiehem mad-Direttur li ser jassisti lill-Kumitat għall-akwist ta' dan il-garaxx. Il-Kumitat iddeċieda li jikteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex jgħin lill-Kumitat jakwista' l-garaxx. Garaxx fis-Swatar

## 6. Emendi fit-Traffic Management Proposti

**6.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa l-Kumitat li kien hemm residenti li lmentaw dwar il-bdil tas-sinjali tat-traffiku fiż-żona ta' Birkirkara. Ġie propost li s-sinjali tat-traffiku fi Tiq Anthony Sammut jerġgħu jiġu two-way iżda bil-kontra kif kienu oriġinarnament. Is-Sa Yvonne Spiteri issuġġeriet li fi Triq Manuel Vilhena kantuniera ma' Triq Anthony Sammut fejn hemm il-Flats, jitpoġġa ħadid fuq il-bankina sabiex jiproteġu n-nies li jkunu fuq il-bankina mill-periklu tal-karozzi li jitilgħu minn din it-triq b'veloċita' eċċessiva. Il-Kumitat qabel nem con. Emendi fit-Traffic Management Proposti - Bikirkara

**6.1.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li d-dewmien tat-Traffic Management fiż-żona tal-Imsida ittardja miħabba l-fatt li qed jiġu ċċarati xi affartijiet mat-TM qabel dawn jiġu effettivament implimentati. Emendi fit-Traffic Management Proposti – L-Imsida

## 7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

**7.1** Ma kien hemm ebda mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat.

## 8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**8.1** Iċ-*Chairperson* qalet li hi u s-Sa Yvonne Spiteri ltaqgħu mad-Direttur għall-Gvern Lokali. Minn naħa tiegħu, id-Direttur ħa gost li l-Kumitat mhux qed jimxi b'politika iżda għall-interess biss tar-residenti. Laqgħa mad-Direttur Gvern Lokali

8.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li kkonfermat mad-Direttur li l-emblema tal-Kumitat dalwaqt tiġi approvata. L-emblema tal-Kumitat

8.1.2 Iċ-*Chairperson* qalet li talbet lid-Direttur li wasal il-żmien li l-Kumitat isir Kunsill Lokali. Din għandha ssir permezz ta' talba uffiċċjali. Is-Sur Rudolph Cini qal li din il-kwistjoni mhux il-Kumitat għadnu jiddeċiediha iżda r-residenti u talab li d-deċiżjoni tittieħed waqt il-laqgħa pubblika. Il-Kumitat qabel nem con. Kumiitat isir Kunsill Lokali

8.1.3 Iċ-Chairperson qalet li d-Direttur issuġġerixxa lill-Kumitat sabiex imur miegħu biex jiltaqgħu mal-President ta' Malta biex il-Basic Life Support Course, li kienet inizzjattiva tal-Kumitat u kienet ukoll suċċess, jiġi promoss billi jidħol fil-kurrikulum nazzjonali u postijiet tax-xogħol. Il-Kumitat iddeċieda li jikteb lid-Direttur sabiex dan l-appuntament isir. Laqgħa mal-President

8.2 Iċ-Chairperson qalet li ingħataw iċ-ċitazzjonijiet fi triq is-Swatar faċċata tas-St Martins College minħabba li waqt il-prize day kien hemm konfużjoni ta' karozzi. Iċ-Chairperson qalet li flimkien ma' Emanuel Triq is-swatar faċċata tas-St Martins

brincat marret tkellem lil Nello Calleja biex din is-sitwazzjoni tissolva u dwar il-proġett li kien inwiegħed mingħadhom u qatt ma sar. Is-Sa Yvonne Spiteri qalet li dawn iridu jifthu l-basement tal-Iskola u l-unika soluzzjoni hi li jintbgħatu l-Wardens jew Pulizija. Il-Kumitat qabel li jitbgħatu il-Gwardjani Lokali jew Pulizija waqt il-ħruġ tat-tfal mill-iskola.

## 9. Għeluq u Aġġornament.

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Diċembru 2012, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

_______________________ _______________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

_______________________

Data

**Annex B**

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **3.2** | Laqgħa mat-TM dwar l-Arriva | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.1** | Pagament Ġieħ is-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **5.1** | Garaxx fis-Swatar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.1** | Emendi fit-Traffic Management Proposti - Bikirkara | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.1.3** | Laqgħa mal-President | Aġent Segretarju Eżekuttiv |